SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

16 ta' Ġunju 2011 *

Fil-Kawżi magħquda C-65/09 u C-87/09,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (C-65/09) u mill-Amtsgericht Schorndorf (C-87/09) (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjonijiet tal-14 ta' Jannar u tal-25 ta' Frar 2009, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Frar u fit-2 ta' Marzu 2009, fil-proċeduri

**Gebr. Weber GmbH** (C-65/09)

vs

**Jürgen Wittmer,**

u

**Ingrid Putz** (C-87/09)

vs

**Medianess Electronics GmbH**,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, J.-J. Kasel, A. Borg Barthet, M. Ilešič (Relatur) u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Frar 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Gebr. Weber GmbH, minn R. Lindner, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u J. Kemper, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn T. Materne, bħala aġent,

— għall-Gvern Spanjol, minn J. López-Medel Bascones, bħala aġent,

— għall-Gvern Awstrijakk, minn E. Riedl u E. Handl-Petz, bħala aġenti,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Dowgielewicz, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Wils u H. Krämer, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2010,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223, iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn, fil-Kawża C-65/09, Gebr. Weber GmbH (iktar 'il quddiem "Gebr. Weber") u J. Wittmer, dwar il-kunsinna ta' madum konformi mal-kuntratt ta' bejgħ kif ukoll dwar il-ħlas ta' kumpens, u, fil-Kawża C-87/09, I. Putz u Medianess Electronis GmbH (iktar 'il quddiem "Medianess

Electronics") dwar ir-rimbors tal-prezz tal-bejgħ ta' magna tal-ħasil tal-platti, li ma kinitx konformi mal-kuntratt ta' bejgħ, bħala korrispettiv għar-ritorn ta' din il-magna.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

3 Il-premessa 1 tad-Direttiva tipprovdi:

"Billi l-Artikolu 153(1) u (3) [KE] jipprovdi li l-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur bil-miżuri li tadotta skond l-Artikolu 95 [KE]".

4 Il-premessi 9 sa 11 tad-Direttiva huma fformulati kif ġej:

"(9) Billi l-bejjiegħ għandu jkun responsabbli direttament lill-konsumatur għall-konformità ta' l-oġġetti mal-kuntratt; [...] billi madankollu l-bejjiegħ għandu jkun ħieles, kif hemm provdut għalih fil-liġi nazzjonali, li jsegwi rimedji kontra l-produttur, bejjiegħ minn qabel fl-istess katina ta' kuntratti jew kull intermedjarju ieħor, sakemm-il darba ma jkunx irrinunzja dak l-intitolament; billi din id-Direttiva ma taffettwax il-prinċipju ta' ħelsien tal-kuntratt bejn

il-bejjiegħ, il-produttur, bejjiegħ ta' qabel jew kull intermedjarju ieħor; billi r-regoli li jirregolaw kontra min u kif il-bejjiegħ għandu jsegwi dawn ir-rimedji għandhom ikun determinati fil-liġi nazzjonali;

(10) Billi, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ta' l-oġġetti mal-kuntratt, il-konsumaturi għandhom ikunu ntitolati li l-oġġetti tagħhom jiġu rrestawrati għall-konformità mal-kuntratt mingħajr ħlas, billi jagħżlu bejn tiswija u tibdil, jew, jekk dan ma jsirx, li l-prezz jitnaqqas jew il-kuntratt jitħassar;

(11) Billi l-konsumatur jista' mill-ewwel jeħtieġ li l-bejjiegħ isewwi l-affarijiet jew li jibdilhom sakemm-il darba dawk ir-rimedji jkunu [ma jkunux] mpossibbli jew disproporzjonati; billi jekk rimedju huwa disproporzjonat jew le għandu jkun determinat oġġettivament; billi rimedju jkun disproporzjonat jekk ikun impost [jimponi], f'paragun mar-rimedju l-ieħor, spejjeż mhux raġjonevoli; billi, sabiex ikun determinat jekk l-ispejjeż humiex raġjonevoli, l-ispejjeż ta' rimedju wieħed għandhom ikun b'mod sinifikattiv akbar mill-ispejjeż tar-rimedju l-ieħor."

5 L-Artikolu 1 tad-Direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet", jipprovdi:

"1. L-għan ta' din id-Direttiva hija l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsumatur u garanziji assoċjati magħhom sabiex tiżgura livell uniformi minimu ta' protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntest tas-suq intern.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

[...]

(f) *tiswija*: għandha tfisser, fl-eventwalità ta' nuqqas ta' konformità, li l-oġġetti tal-konsum jinġiebu f'konformità mal-kuntratt ta' bejgħ.

[...]."

6 L-Artikolu 2 tad-Direttiva, intitolat "Konformità mal-kuntratt", jipprovdi:

"1. Il-bejjiegħ għandu jwassal sa għand il-konsumatur oġġetti li huma f'konformità mal-kuntratt ta' bejgħ.

[...]

5. Kull nuqqas ta' konformità li jirriżulta minn installazzjoni mhux korretta ta' l-oġġetti ta' konsum għandu jinftiehem li hu ekwivalenti għal nuqqas ta' konformità ta' l-oġġetti jekk l-installazzjoni tifforma parti mill-kuntratt ta bejgħ ta' l-oġġetti u l-oġġetti kienu installati mill-bejjiegħ jew kien risponsabbli għalih[a] hu. Dan għandu jgħodd jekk il-prodott, maħsub li jkun installat mill-konsumatur, ikun installat mill-konsumatur u l-installazzjoni ħażina hija minħabba nuqqas fl-istruzzjonijiet ta' l-installazzjoni."

7 L-Artikolu 3 tad-Direttiva, intitolat "Drittijiet tal-konsumatur", jipprovdi:

"1. Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli għall-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità li teżisti meta l-oġġetti kienu fornuti.

2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, l-konsumatur għandu jkun intitolat li l-oġġetti jinġiebu f'konformità mingħajr ħlas permezz ta' tiswija jew tibdil, f'konformità mal-paragrafu 3, jew li jkollu tnaqqis xieraq fil-prezz jew il-kuntratt jitħassar rigward dawn l-oġġetti, f'konformità mal-paragrafi 5 u 6.

3. Fil-bidu, il-konsumatur jista' jeħtieġ lill-bejjiegħ li jsewwi l-oġġetti jew jista' jeħtieġ lill-bejjiegħ li jibdilhom, f'kull każ mingħajr ħlas, jekk kemm-il darba dan huwa [sakemm dan ma jkunx] impossibbli jew disproporzjonat.

Rimedju jinftiehem li huwa disproporzjonat jekk jimponi spejjeż fuq il-bejjiegħ li, f'paragun mar-rimedju alternattiv, m'humiex raġjonevoli, b'konsiderazzjoni mogħtija:

— lill-valur li l-oġġetti jkollhom jekk ma kien hemm l-ebda nuqqas ta' konformità,

— lis-sinifikat [lill-portata] tan-nuqqas ta' konformità,

u

— jekk ir-rimedju alternattiv ikun[x] jista' jitlesta mingħajr inkonvenjent sinifikattiv lill-konsumatur.

Kull tiswija jew tibdil għandha titlesta fi żmien raġjonevoli u mingħajr ebda inkonvenjent sinifikattiv lill-konsumatur, b'konsiderazzjoni mogħtija lin-natura ta' l-oġġetti u l-għan li għalihom il-konsumatur ħtieġhom.

4. It-termini 'mingħajr ħlas' fil-paragrafi 2 u 3 jirreferu għall-ispejjeż meħtieġa li jeħel sabiex iġib l-oġġetti f'konformità, partikolarment l-ispiża ta' pustaġġ, xogħol u materjal.

5. Il-konsumatur jista' jinħtieġ tnaqqis xieraq tal-prezz jew li jitħassar il-kuntratt:

— jekk il-konsumatur m'huwiex intitolat la għat-tiswija u lanqas għal tibdil,

jew

— jekk il-bejjiegħ ma jkunx lesta r-rimedju fi żmien raġjonevoli,

jew

— jekk il-bejjiegħ ma jkunx lest[a] r-rimedju mingħajr inkonvenjent sinifikattiv lill-konsumatur.

6. Il-konsumatur m'huwiex intitolat li jħassar il-kuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità hija minuri."

8 L-Artikolu 4 tad-Direttiva, intitolat "Dritt ta' rimedju", jipprovdi:

"Fejn il-bejjiegħ finali huwa responsabbli lill-konsumatur minħabba nuqqas ta' konformità li tirriżulta minn att jew ommissjoni mill-produttur, bejjiegħ ta' qabel fl-istess katina ta' kuntratti jew kull intermedjarju ieħor, il-bejjiegħ finali għandu jkun intitolat li jfittex rimedji kontra l-persuna jew persuni responsabbli fil-katina kontrattwali. Il-persuna jew persuni responsabbli kontra min il-bejjiegħ finali jista' jfittex ir-rimedji, flimkien ma' l-azzonijiet rilevanti u kondizzjonijiet ta' eżerċizzju għandhom ikunu determinati skond il-liġi nazzjonali."

9 L-Artikolu 5 tad-Direttiva, intitolat "Limiti ta' żmien", jipprovdi, fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-bejjiegħ għandu jinżamm responsabbli skond l-Artikolu 3 fejn in-nuqqas ta' konformità ssir [isir] apparenti fi żmien sentejn minn meta l-oġġetti twasslu għandu il-konsumatur."

10 L-Artikolu 7 tad-Direttiva, intitolat "Natura vinkolanti", jipprovdi:

"1. Kull termini jew ftehim kontrattwali konkluż[i] mal-bejjiegħ qabel ma tingħieb għall-attenzjoni tal-bejjiegħ in-nuqqas ta' konformità li direttament jew indirettament tirrinunzja jew tirrestringi d-drittijiet li jirriżultaw minn din id-Direttiva għandhom, kif hemm provdut għalihom bil-liġi nazzjonali, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur.

[...]"

11 L-Artikolu 8 tad-Direttiva, intitolat "Liġi nazzjonali u protezzjoni minima", jipprovdi:

"1. Id-drittijiet li jirriżultaw minn din id-Direttiva għandhom jiġu eserċitati mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra li l-konsumatur jista' jinvoka skond ir-regoli nazzjonali li jirregolaw responsabbiltà kontrattwali jew mhux kontrattwali.

2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew imantnu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar iebsa, kompatibbli mat-Trattat fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur."

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

12 L-Artikolu 433(1) tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż (Bürgerliches Gesetzbuch, iktar 'il quddiem il-"BGB"), intitolat "Obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' bejgħ", jipprovdi:

"Permezz tal-kuntratt ta' bejgħ, il-bejjiegħ ta' oġġett huwa obbligat li jikkunsinna dan l-oġġett lix-xerrej u li jittrasferilu l-proprjetà fuq dan l-oġġett. Il-bejjiegħ huwa obbligat li jittrasferixxi l-oġġett lix-xerrej ħieles minn kull difett materjali jew legali."

13 L-Artikolu 434 tal-BGB, intitolat "Difett materjali", jipprovdi:

"1. L-oġġett ikun ħieles minn difetti materjali jekk, meta jiġi ttrasferit ir-riskju, l-oġġett ikollu l-kwalitajiet miftiehma. [...]."

14 L-Artikolu 437 tal-BGB, intitolat "Drittijiet tax-xerrej fil-każ ta' difett", huwa fformulat kif ġej:

"Jekk l-oġġetti jkunu difettużi, ix-xerrej jista', meta jkunu sodisfatti r-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet li ġejjin u sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor,

1) jeżiġi l-eżekuzzjoni sussegwenti taħt l-Artikolu 439;

2) jittermina l-kuntratt skont l-Artikolu 440, l-Artikolu 323 u l-Artikolu 326(5), jew inaqqas il-prezz tal-bejgħ taħt l-Artikolu 441;

3) jitlob kumpens għad-danni skont l-Artikoli 440, 280, 281, 283 u 311a jew rimbors tal-ispejjeż inkorsi skont l-Artikolu 284."

15 L-Artikolu 439 tal-BGB, intitolat "Eżekuzzjoni sussegwenti", huwa fformulat kif ġej:

"1. Permezz tal-eżekuzzjoni sussegwenti, ix-xerrej jista' jeżiġi t-tiswija tad-difett jew il-kunsinna ta' oġġetti li ma għandhomx difett, skont kif huwa jippreferi.

2. Il-bejjiegħ għandu jbati l-ispejjeż marbuta mal-eżekuzzjoni sussegwenti inkluż, b'mod partikolari, l-ispiża tat-trasport, kunsinna, xogħol u materjal.

3. [Il]-bejjiegħ jista' jirrifjuta l-mod magħżul mix-xerrej għall-eżekuzzjoni sussegwenti jekk tali eżekuzzjoni tkun possibbli biss bi spejjeż sproporzjonati. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed kont, b'mod partikolari, tal-valur li l-oġġetti kien ikollhom kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità, il-portata tan-nuqqas ta' konformità, u jekk ir-rimedju alternattiv setax jingħata mingħajr inkonvenjent sinjifikattiv għax-xerrej. F'dawn il-każijiet, id-dritt tax-xerrej ikun limitat għall-modi alternattivi ta' eżekuzzjoni sussegwenti; dan ma għandux jaffettwa d-dritt tal-bejjiegħ li jirrifjuta ukoll ir-rimedju alternattiv taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel sentenza.

4. Meta l-bejjiegħ jikkunsinna oġġetti mingħajr difetti fil-kuntest tal-eżekuzzjoni sussegwenti, huwa jista' jeżiġi li x-xerrej jirritorna l-oġġetti difettużi [...]"

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

*Fil-Kawża C-65/09*

16 J. Wittmer u Gebr. Weber ikkonkludew kuntratt ta' bejgħ dwar madum ippolixxjat għall-prezz ta' EUR 1,382.27. Wara li madwar żewġ terzi minn dan il-madum kienu twaħħlu fid-dar tiegħu, J. Wittmer ikkonstata l-preżenza, fuq dan il-madum, ta' sfumaturi li kienu jidhru mad-daqqa ta' għajn.

17 Għalhekk, J. Wittmer għamel ilment, li Gebr. Weber ċaħdet wara li kkuntattjat lill-fabbrikant tal-madum inkwistjoni. Fil-kuntest ta' proċedura għall-ġbir tal-provi mibdija mir-rikorrent, l-espert innominat wasal għall-konklużjoni li l-imsemmija sfumaturi kienu kkawżati minn brix fin li rriżulta mill-ippolixxjar u li kien impossibbli li jitneħħa dan il-brix, b'tali mod li t-tibdil komplet tal-madum kien l-uniku rimedju possibbli. L-espert stima l-ispejjeż ta' din l-operazzjoni bħala EUR 5,830.57.

18 Peress li Gebr. Weber baqgħet ma rrispondietx meta intimatha sabiex teżegwixxi l-kuntratt, J. Wittmer fetaħ proċeduri kontriha quddiem il-Langericht Kassel sa fejn jikseb il-kunsinna ta' madum mingħajr difetti u l-ħlas ta' somma ta' EUR5,830.57. Dik il-qorti kkundannat lil Gebr. Weber tħallas lil J. Wittmer is-somma ta' EUR 273.10 bħala tnaqqis fuq il-prezz tal-bejgħ u ċaħdet il-bqija tat-talba. Fuq appell imressaq

minn J. Wittmer kontra d-deċiżjoni tal-Landgericht Kassel, l-Oberlandesgericht Frankfurt, minn naħa, ikkundannat lil Gebr. Weber sabiex tikkunsinna madum ġdid, mingħajr difetti, kif ukoll sabiex tħallas lil J. Wittmer is-somma ta' EUR 2,122.37 fir-rigward tat-tneħħija u r-rimi tal-madum mhux konformi, u, min-naħa l-oħra, ċaħdet il-bqija tat-talba.

19 Gebr. Weber ressqet appell fuq punt ta' liġi kontra s-sentenza tal-Oberlandesgericht Frankfurt quddiem il-Bundesgerichtshof, li qiegħda tindika li d-deċiżjoni tagħha tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk il-qorti tal-appell ikkunsidratx ġustament li J. Wittmer seta' jitlob ir-rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija tal-madum difettuż. Sa fejn J. Wittmer ma setax jitlob, taħt id-dritt Ġermaniż, tali rimbors, ir-risposta għal din id-domanda tiddependi mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva, li inkonformità magħhom għandu jiġi interpretat, jekk ikun il-każ, l-Artikolu 439 tal-BGB.

20 F'dan ir-rigward il-Bundesgerichtshof tosserva li mill-użu tal-kelma "tibdil" fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tista' tiġi dedotta l-eżistenza ta' obbligu li ma huwiex limitat għall-kunsinna ta' oġġett konformi iżda li jinkludi wkoll it-tibdil tal-oġġett difettuż, u għalhekk it-tneħħija tiegħu. Barra minn hekk, l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura u l-użu intenzjonat tal-oġġett, stabbilit fl-imsemmi Artikolu 3(3), marbut mal-obbligu li l-oġġett jitqiegħed fi stat ta' konformità, jista' jissuġġerixxi li l-obbligu tal-bejjiegħ, fil-kuntest tat-tibdil tal-oġġett, ma jinkludix biss il-kunsinna ta' oġġett konformi iżda wkoll it-tneħħija tal-oġġett difettuż, b'tali mod li l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali jkun jista' jintuża inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu intenzjonat tiegħu.

21 Madankollu, il-Bundesgerichtshof tosserva li ma jkunx meħtieġ li tiġi deċiża din il-kwistjoni jekk Gebr. Weber setgħet ġustament tirrifjuta li tirrimborsa l-ispejjeż tat-tneħħija tal-madum mhux konformi minħabba l-fatt li dawn l-ispejjeż huma sproporzjonati. Dik il-qorti tispjega li, skont l-Artikolu 439(3) tal-BGB, il-bejjiegħ jista' jirrifjuta l-mod ta' eżekuzzjoni sussegwenti magħżul mix-xerrej mhux biss meta

dan il-mod ta' eżekuzzjoni jimponilu spejjeż sproporzjonati meta mqabbel mal-mod ta' eżekuzzjoni l-ieħor ("sproporzjonalità relattiva"), iżda anki meta l-ispiża tal-mod magħżul mix-xerrej, anki jekk dan ikun l-uniku mod possibbli, tkun intrinsikament sproporzjonata ("sproporzjonalità assoluta"). F'dan il-każ, it-talba għal eżekuzzjoni sussegwenti permezz tal-kunsinna ta' madum konformi tikkostitwixxi tali każ ta' "sproporzjonalità assoluta", sa fejn tobbliga lil Gebr. Weber tbati, minbarra l-ispejjeż ta' din il-kunsinna, evalwati bħala EUR 1,200, spejjeż għat-tneħħija tal-madum mhux konformi, li jammontaw għal EUR 2,100, jiġifieri total ta' EUR3,300, ammont li jaqbeż il-limitu ta' 150 % tal-valur tal-oġġett mingħajr difetti, li fuq il-bażi tiegħu tiġi evalwata, *a priori*, il-proporzjonalità ta' tali talba.

22 Madankollu, il-Bundesgerichtshof tqis li l-possibbiltà, li d-dritt nazzjonali jagħti lill-bejjiegħ, li jirrifjuta l-eżekuzzjoni sussegwenti minħabba tali sproporzjonalità assoluta tal-ispejjeż ta' din l-eżekuzzjoni, tista' tkun inkompatibbli mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva, liema artikolu, kif huwa fformulat, jidher li jirreferi biss għal sproporzjonalità relattiva. Madankollu, ma huwiex eskluż li rifjut ibbażat fuq sproporzjonalità assoluta jaqa' taħt il-kunċett ta' "impossibbiltà", previst fl-istess Artikolu 3(3), sa fejn ma jistax jiġi preżunt li d-Direttiva tirreferi biss għall-każijiet ta' impossibbiltà fiżika u li hija intiża li timponi lill-bejjiegħ eżekuzzjoni sussegwenti li ma tagħmilx sens fuq il-livell ekonomiku.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Id-dispożizzjonijiet tal-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva [...], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tipprovdi li fil-każ ta' kunsinna ta' oġġett mhux konformi mal-kuntratt, il-bejjiegħ jista' jirrifjuta t-tip ta' rimedju mitlub mill-konsumatur

meta dan jinvolvi spejjeż għall-bejjiegħ li, meta mqabbla mal-valur li kien ikollu l-oġġett kieku kien konformi u mal-importanza tan-nuqqas ta' konformità, mhumiex raġonevoli (assolutament sproporzjonati)?

2. Fil-każ li r-risposta li tingħata għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-[Direttiva] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-bejjiegħ li jqiegħed l-oġġett f'konformità permezz ta' tibdil tal-oġġett għandu jbati l-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett mhux konformi mill-post li fih ġie inkorporat mill-konsumatur skont in-natura u l-użu tal-oġġett?"

*Fil-Kawża C-87/09*

24 I. Putz u Medianess Electronics ikkonkludew, permezz tal-internet, kuntratt ta' bejgħ dwar magna tal-ħasil tal-platti ġdida bil-prezz ta' EUR 367, li miegħu kienu miżjuda l-ispejjeż tal-kunsinna fl-ammont ta' EUR 9.52. Il-partijiet ftiehmu li dan l-oġġett kellu jiġi kkunsinnat quddiem il-bieb tad-dar ta' I. Putz. Il-kusinna tal-magna tal-ħasil tal-platti u l-ħlas tal-prezz saru kif miftiehem.

25 Wara li I. Putz installat il-magna tal-ħasil tal-platti fid-dar tagħha, irriżulta, mingħajr ma l-operazzjoni tal-installazzjoni ta' din il-magna ma setgħet kienet il-kawża, li din il-magna kienet difettuża u li ma kienx possibbli li tissewwa.

26 Għalhekk, il-partijiet qablu dwar it-tibdil tal-magna inkwistjoni. F'dan il-kuntest, I. Putz talbet lil Medianess Electronics sabiex mhux biss tikkunsinnalha magna ġdida iżda sabiex tieħu responsabbiltà wkoll għat-tneħħija tal-magna difettuża u għall-installazzjoni tal-magna l-ġdida, jew inkella għall-ispejjeż tat-tneħħija u

tal-installazzjoni, responsabbiltà li din il-kumpannija rrifjutat. Peress li Medianess Electronics ma rrispondietx meta I. Putz intimatha, din tal-aħħar ħassret il-kuntratt ta' bejgħ.

27 I. Putz għalhekk fetħet proċeduri kontra Medianess Electronics quddiem l-Amtsgericht Schorndorf fejn talbet ir-rimbors tal-prezz tal-bejgħ bħala korrispettiv għar-ritorn tal-magna tal-ħasil tal-platti difettuża.

28 Id-deċiżjoni tar-rinviju tippreċiża li, skont id-dritt Ġermaniż, il-validità tat-tħassir tal-kuntratt ta' bejgħ tiddependi mill-kwistjoni jekk I. Putz kinitx tat, inutilment, terminu lil Medianess Electronics li fih din tal-aħħar kellha twettaq l-eżekuzzjoni sussegwenti tal-kuntratt, filwaqt li titlob mingħandha dak biss li Medianess Electronics kienet obbligata tagħmel. Għaldaqstant, għas-soluzzjoni tat-tilwima, huwa meħtieġ li jkun magħruf jekk I. Putz setgħetx titlob lil Medianess Electronics tneħħi l-magna difettuża u tinstalla l-magna l-ġdida, jew titlobha tieħu responsabbiltà għall-ispejjeż marbuta ma' dawn l-operazzjonijiet.

29 F'dan ir-rigward, l-Amtsgericht Schorndorf tosserva li d-dritt Ġermaniż ma jipprevedix obbligu għall-bejjiegħ li ma jkollux ħtija li jieħu responsabbiltà għat-tneħħija tal-oġġett difettuż jew għall-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, u dan anki meta l-konsumatur ikun diġà installa l-oġġett difettuż inkonformità mal-użu intenzjonat tiegħu, qabel ma jimmaterjalizza d-difett. Madankollu, dik il-qorti tqis li tali obbligu jista' jirriżulta mid-Direttiva sa fejn din hija intiża li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u sa fejn tipprovdi, fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tagħha, li kull tibdil għandu jsir mingħajr inkonvenjenti sinjifikattivi għall-konsumatur.

30 Dik il-qorti tosserva li, jekk ix-xerrej ma jiksibx ir-rimbors tal-ispejjeż tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, huwa jkollu jbati dawn l-ispejjeż darbtejn, jiġifieri l-ewwel darba meta jiġi installat l-oġġett difettuż u t-tieni darba meta jiġi installat l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali. Issa, li kieku l-kunsinna kienet konformi

mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, ix-xerrej kien ikollu jbati dawn l-ispejjeż darba biss. L-Amtsgericht Schorndorf tikkunsidra li wieħed jista' ċertament jimmaġina li l-bejjiegħ ikun obbligat jieħu responsabbiltà għall-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali biss fil-każ ta' ħtija. Madankollu, il-fatt li l-konsumatur ma jista' jiġi akkużat b'ebda ħtija u li d-difett huwa imputabbli lill-bejjiegħ u mhux lill-konsumatur jiġġustifika li l-konsumatur jingħata dritt indipendenti mill-ħtija tal-bejjiegħ, liema bejjiegħ barra minn hekk jista' jfittex iktar faċilment lill-fabbrikant.

31 Fir-rigward tat-tneħħija tal-oġġett difettuż, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-konformità mal-kuntratt ma tinkludix biss il-kunsinna ta' oġġett mingħajr difett iżda timplika wkoll li ebda oġġett difettuż ma jitħalla fid-dar tax-xerrej, u dan jimmilita favur interpretazzjoni fis-sens li l-bejjiegħ huwa obbligat ineħħi tali oġġett. Barra minn hekk, il-fatt li oġġett difettuż jibqa' fid-dar tal-konsumatur jista' jikkostitwixxi għal dan tal-aħħar inkonvenjent sinjifikattiv. Fl-aħħar nett, il-kelma "tibdil", li għalih jagħmel riferiment l-Artikolu 3 tad-Direttiva, jidher li jindika li l-obbligu tal-bejjiegħ ma huwiex limitat għas-sempliċi kunsinna ta' oġġett mingħajr difetti li bih jinbidel l-oġġett inizjali iżda li l-bejjiegħ huwa meħtieġ ukoll li jissostitwixxi l-oġġett difettuż bl-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Amtsgericht Schorndorf iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva [...], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-każ li l-bejjiegħ irendi l-oġġett konformi mal-kuntratt tal-bejgħ billi jibdel l-oġġett, huwa ma għandux ibati l-ispejjeż tal-installazzjoni tal-oġġett ipprovdut minflok dak oriġinali fil-każ fejn il-konsumatur ikun installa sew l-oġġett difettuż oriġinali, meta l-installazzjoni ma kinitx oriġinarjament miftiehma fuq il-kuntratt?

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) u u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li fil-każ li l-bejjiegħ irendi l-oġġett konformi mal-kuntratt tal-bejgħ billi jibdel l-oġġett, huwa għandu jbati l-ispejjeż sabiex jitneħħa l-oġġett ipprovdut minflok dak difettuż oriġinali fil-każ li l-konsumatur ikun installa sew l-oġġett?"

**Fuq it-tagħqid tal-kawżi**

33 Fid-dawl tal-konnessjoni bejn il-Kawżi C-65/09 u C-87/09, hemm lok li, skont l-Artikolu 43 tar-Regoli tal-Proċedura, moqri flimkien mal-Artikolu 103 ta' dawn ir-Regoli, dawn il-kawżi jingħaqdu għall-finijiet tas-sentenza.

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi fil-Kawża C-65/09*

34 Gebr. Weber issostni li ż-żewġ domandi magħmula fil-Kawża C-65/09 huma inammissibbli. Skontha, l-ewwel domanda hija ta' natura ipotetika sa fejn ir-risposta għaliha ma jkollha ebda rilevanza għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, id-dritt Ġermaniż ma jimponix fuq il-bejjiegħ li ma jkollux ħtija l-obbligu li jneħħi l-oġġett mhux konformi, b'tali mod li t-talba għar-rimbors tal-ispiża marbuta ma' din it-tneħħija għandha tiġi miċħuda, irrispettivament mill-ammont tal-ispejjeż inkwistjoni. L-inammissibbiltà tal-ewwel domanda twassal ukoll

għall-inammissibbiltà tat-tieni waħda sa fejn il-qorti tar-rinviju ssuġġettat din tal-aħħar għal risposta affermattiva għall-ewwel domanda.

35 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, fil-kuntest ta' proċedura taħt l-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara bejn il-funzjonijiet tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq it-tilwima u li jkollha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja eventwali, li għandha tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' domanda preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, sakemm id-domandi magħmula jkunu jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, obbligata tiddeċiedi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2006, Conseil général de la Vienne, C-419/04, Ġabra p. I-5645, punt 19; tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini, C-119/05, Ġabra p. I-6199, punt 43, u tas-17 ta' Frar 2011, TeliaSonera, C-52/09, Ġabra p. I-527, punt 15).

36 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss meta jkun jidher b'mod evidenti li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi msemmija iktar 'il fuq Conseil général de la Vienne, punt 20; Lucchini, punt 44, u TeliaSonera, punt 16).

37 Issa, għandu jiġi kkonstatat li dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

38 Fil-fatt, permezz tad-domandi tagħha, il-Bundesgerichtshof qiegħda titlob interpretazzjoni tad-Direttiva preċiżament sabiex tkun tista' tiddetermina jekk id-dritt nazzjonali huwiex kompatibbli magħha, u dan sa fejn dan id-dritt, minn naħa,

ma jobbligax lill-bejjiegħ jieħu responsabbiltà għall-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett mhux konformi u, min-naħa l-oħra, jagħtih il-possibbiltà li jirrifjuta l-kunsinna ta' oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali jekk din il-kunsinna timplika, minħabba b'mod partikolari l-ispejjeż imsemmija, spejjeż sproporzjonati. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-risposta għal dawn id-domandi hija deċiżiva għall-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali sa fejn il-Bundesgerichtshof tindika li hija tista' tinterpreta d-dritt imsemmi, jekk ikun il-każ, inkonformità mad-Direttiva. L-ordni li fih isiru d-domandi ma huwiex rilevanti f'dan il-kuntest. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat ukoll li Gebr. Weber stess sostniet, fl-osservazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, li, sabiex tkun tista' tingħata risposta għall-ewwel domanda, kien meħtieġ li tkun magħrufa l-portata tal-obbligu ta' tibdil tal-oġġett mhux konformi li jirriżulta mill-Artikolu 3(3) tad-Direttiva, u għalhekk li tingħata risposta għat-tieni domanda, u hija ssuġġeriet li din id-domanda tiġi eżaminata fl-ewwel lok.

39 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibiltà mqajma minn Gebr. Weber għandha tiġi miċħuda.

*Fuq l-obbligu tal-bejjiegħ li jieħu responsabbiltà għat-tneħħija tal-oġġett mhux konformi u għall-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali*

40 Permezz tat-tieni domanda fil-Kawża C-65/09 kif ukoll permezz tal-ewwel u t-tieni domandi fil-Kawża C-87/09, li jaqbel li jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju qegħdin jistaqsu jekk l-Artikolu (3)2 u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta oġġett tal-konsum mhux konformi li, qabel ma joħroġ fid-dieher id-difett, ikun ġie installat mill-konsumatur inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu, jitqiegħed fi stat ta' konformità permezz ta' tibdil, il-bejjiegħ huwa obbligat li jew ineħħi huwa stess dan l-oġġett mill-post fejn ikun ġie installat u li jinstalla mill-ġdid f'dan il-post l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, jew li jbati l-ispejjeż marbuta ma' din it-tneħħija u mal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, u dan minkejja l-fatt li l-kuntratt

ta' bejgħ ma jipprevedix l-obbligu tal-bejjiegħ li jinstalla l-oġġett ta' konsum mixtri inizjalment.

41 Gebr. Weber kif ukoll il-Gvern Ġermaniż, dak Belġjan u dak Awstrijak iqisu li dawn id-domandi jeħtieġu risposta negattiva. Fil-fehma tagħhom, il-kelma "tibdil" użata fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tkopri biss il-kunsinna ta' oġġett konformi mal-kuntratt ta' bejgħ u dan l-artikolu ma jistax, għaldaqstant, jimponi fuq il-bejjiegħ obbligi li ma jkunux previsti f'dan il-kuntratt. Tali obbligi li jitneħħa l-oġġett difettuż u li jiġi installat l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali lanqas ma jirriżultaw mill-Artikolu 3(3) u mill-Artikolu 3(4) tad-Direttiva, li jipprovdi li t-tibdil għandu jseħħ "mingħajr ħlas" u "mingħajr ebda inkonvenjent sinifikattiv lill-konsumatur". Fil-fatt, dawn il-kundizzjonijiet jikkonċernaw biss il-kunsinna tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali u la għandhom l-għan li jimponu fuq il-bejjiegħ obbligi li jmorru lil hinn mill-kuntratt imsemmi u lanqas ma għandhom l-għan li jipproteġu lill-konsumatur mill-ispejjeż u mill-inkonvenjenti li jirriżultaw mill-użu li jkun għamel, taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess, tal-oġġett mhux konformi. Għaldaqstant, id-danni mġarrba minħabba l-installazzjoni tal-oġġett difettuż mill-konsumatur ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva iżda, jekk ikun il-każ, għandhom jintalbu fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali applikabbli fil-qasam tar-responsabbiltà kuntrattwali.

42 Il-Gvern Spanjol u dak Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni, isostnu t-teżi opposta. Il-Gvern Spanjol jikkunsidra li l-bejjiegħ għandu jieħu responsabbiltà għall-ispejjeż kollha marbuta mat-tibdil tal-oġġett difettuż, inklużi l-ispejjeż tat-tneħħija ta' dan l-oġġett u l-ispejjeż tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, għaliex altrimenti l-konsumatur ikollu jbati darbtejn dawn l-ispejjeż, sitwazzjoni din li tkun inkompatibbli mal-livell għoli ta' protezzjoni mixtieq mid-Direttiva. Il-Gvern Pollakk jenfasizza li l-għan tal-Artikolu 3(3) u tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva huwa li jiġi ggarantit li l-konsumatur ma jkollu jbati ebda spejjeż fir-rigward tal-implementazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni legali previsti fl-ewwel lok mid-Direttiva, jiġifieri t-tiswija jew it-tibdil tal-oġġett mhux konformi. Skont il-Kummissjoni, il-parallelliżmu stabbilit fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva bejn iż-żewġ modi kif l-oġġett difettuż jitqiegħed fi stat ta' konformità jippermetti li jiġi kkunsidrat li t-tibdil, l-istess bħat-tiswija, jikkonċerna l-oġġett fis-sitwazzjoni li jkun fiha meta

jimmaterjalizza n-nuqqas ta' konformità. Jekk l-oġġett mhux konformi jkun diġà ġie installat, inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu, huwa f'din is-sitwazzjoni li dan l-oġġett ikun is-suġġett ta' tqegħid inkonformità. Dan ifisser li t-tibdil għandu jsir b'mod li l-oġġett il-ġdid jitqiegħed fl-istess sitwazzjoni li fiha kien jinsab l-oġġett difettuż. Barra minn hekk, il-fatt li l-konsumatur ikollu, fin-nuqqas tat-tneħħija tal-oġġett mhux konformi mill-bejjiegħ, iżomm dan l-oġġett u ma jkunx jista' juża l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, minħabba li ma jkunx installat, jammonta għal "inkonvenjent sinifikattiv lill-konsumatur" fis-sens tal-imsemmi Artikolu 3(3).

43 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva, il-bejjiegħ huwa responsabbli, fil-konfront tal-konsumatur, għal kull nuqqas ta' konformità eżistenti meta ssir il-kunsinna tal-oġġett.

44 L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva jelenka d-drittijiet li l-konsumatur jista' jinvoka fil-konfront tal-bejjiegħ fil-każ ta' nuqqas ta' konformità tal-oġġett ikkunsinnat. Inizjalment, il-konsumatur għandu dritt jeżiġi li l-oġġett jitqiegħed fi stat ta' konformità. Jekk ma jkunx jista' jikseb dan, huwa jista' jeżiġi, b'mod sekondarju, tnaqqis fil-prezz jew it-tħassir tal-kuntratt.

45 Fir-rigward tat-tqegħid inkonformità tal-oġġett, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva jippreċiża li l-konsumatur għandu d-dritt jeżiġi li l-bejjiegħ isewwi l-oġġett jew jibdlu, fiż-żewġ każijiet mingħajr ħlas, u dan sakemm ma jkunx impossibbli li tiġi sodisfatta t-talba tiegħu jew sakemm din it-talba ma tkunx sproporzjonata.

46 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tosserva li kemm mill-kliem tal-Artikolu 3 tad-Direttiva u kif ukoll, barra minn hekk, mill-ħidma preparatorja rilevanti għal din id-direttiva, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li t-tqegħid f'konformità tal-oġġett mill-bejjiegħ mingħajr ħlas ikun element essenzjali tal-protezzjoni żgurata lill-konsumatur minn din id-direttiva. Dan l-obbligu, impost fuq il-bejjiegħ, li t-tqegħid inkonformità jsir mingħajr ħlas, irrispettivament jekk isirx fil-forma ta' tiswija jew ta' tibdil tal-oġġett mhux konformi, huwa intiż li jipproteġi lill-konsumatur mir-riskju ta' piżijiet finanzjarji li jista' jiddisswadih milli jinvoka d-drittijiet tiegħu fin-nuqqas ta' tali protezzjoni (ara s-sentenza tas-17 ta' April 2008, Quelle, C-404/06, Ġabra p. I-2685, punti 33 u 34).

47 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, jekk il-konsumatur, fil-każ ta' tibdil ta' oġġett mhux konformi, ma jkunx jista' jitlob lill-bejjiegħ sabiex jieħu r-responsabbiltà għat-tneħħija tiegħu mill-post fejn dan l-oġġett jkun ġie installat inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu, u għall-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali fl-istess post, dan it-tibdil joħloq għall-konsumatur piżijiet finanzjarji addizzjonali li huwa ma kienx ikollu jbati li kieku l-bejjiegħ kien eżegwixxa b'mod korrett il-kuntratt ta' bejgħ. Fil-fatt, li kieku l-bejjiegħ kien ikkunsinna mill-ewwel oġġett konformi mal-kuntratt imsemmi, il-konsumatur kien ibati darba biss l-ispejjeż tal-installazzjoni u ma kienx ikollu għalfejn ibati l-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett difettuż.

48 Jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-bejjiegħ jieħu r-responsabbiltà għat-tneħħija tal-oġġett mhux konformi u għall-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, dan ikun ifisser li l-konsumatur, sabiex ikun jista' jeżerċita d-drittijiet mogħtija lilu mill-artikolu msemmi, ikollu jbati dawn l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-kunsinna, mill-bejjiegħ, ta' oġġett mhux konformi.

49 F"dan il-każ, it-tibdil ta' dan l-oġġett ma jitwettaqx, għall-kuntrarju ta' dak li jipprovdu l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva, mingħajr ħlas min-naħa tal-konsumatur.

50 Huwa minnu li l-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett mhux konformi u tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali ma humiex inklużi fost dawk elenkati b'mod espliċitu fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva, li jiddefinixxi l-espressjoni "mingħajr ħlas" fis-sens li tirreferi għall-"ispejjeż meħtieġa li jeħel sabiex iġib l-oġġetti f'konformità, partikolarment l-ispiża ta' pustaġġ, xogħol u materjal". Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li mill-użu, min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni, tal-avverbju "partikolarment" jirriżulta li din il-lista hija ta' natura indikattiva u mhux ta' natura eżawrjenti (ara s-sentenza Quelle, iċċitata iktar 'il fuq, punt 31). Barra minn hekk, dawn l-ispejjeż huma f'kull każ meħtieġa sabiex ikun jista' jsir it-tibdil tal-oġġett mhux konformi u, għalhekk, jikkostitwixxu "spejjeż meħtieġa [...] sabiex iġib l-oġġetti f'konformità", fis-sens tal-imsemmi Artikolu 3(4).

51 Barra minn hekk, kif osservat il-Kummissjoni, mill-istruttura tal-Artikolu 3(2) u tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva jirriżulta li ż-żewġ modi ta' tqegħid inkonformità stabbiliti fl-artikoli msemmija huma intiżi li jiżguraw l-istess livell ta' protezzjoni tal-konsumatur. Issa, huwa paċifiku li t-tiswija ta' oġġett mhux konformi ssir, bħala regola ġenerali, fuq dan l-oġġett fis-sitwazzjoni li fiha jkun jinsab fil-mument meta joħroġ fid-dieher id-difett, b'tali mod li l-konsumatur ma jbatix, f'dan il-każ, l-ispejjeż tat-tneħħija u tal-installazzjoni l-ġdida.

52 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva, it-tiswija u t-tibdil ta' oġġett mhux konformi mhux biss għandhom isiru mingħajr ħlas iżda għandhom isiru wkoll f'terminu raġonevoli u mingħajr inkonvenjent sinjifikattiv għall-konsumatur. Dawn it-tliet rekwiżiti huma l-espressjoni tar-rieda manifesta tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiżgura lill-konsumatur protezzjoni effettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Quelle, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35).

53 Fir-rigward ta' din ir-rieda tal-leġiżlatur, l-espressjoni "mingħajr ebda inkonvenjent sinifikattiv lill-konsumatur", li tinsab fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva, ma tistax tingħata l-interpretazzjoni restrittiva proposta mill-Gvern Ġermaniż, minn dak Belġjan u minn dak Awstrijak. Għalhekk, ma hemm ebda dubju li l-fatt li l-oġġett mhux konformi ma jitneħħiex u l-fatt li l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali ma jiġix installat mill-bejjiegħ jistgħu jikkostitwixxu inkonvenjent

sinjifikattiv għall-konsumatur, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet bħal dawk fil-kawżi prinċipali fejn, sabiex ikun jista' jintuża inkonformità mal-użu intenzjonat abitwali tiegħu, l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali għandu l-ewwel nett jiġi installat, u dan jeħtieġ li jitneħħa minn qabel l-oġġett mhux konformi. Barra minn hekk, l-imsemmi tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(3) jipprovdi b'mod espliċitu li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni n-"natura ta' l-oġġetti u l-għan li għalihom il-konsumatur ħtieġhom".

54 Fir-rigward tal-kelma "tibdil", għandu jiġi kkonstatat li l-portata preċiża tagħha tvarja fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi. Filwaqt li f'numru minn dawn il-verżjonijiet, bħalma huma l-verżjonijiet bl-Ispanjol ("sustitución"), bl-Ingliż ("replacement"), bil-Franċiż ("remplacement"), bit-Taljan ("sostituzione"), bl-Olandiż ("vervanging") u bil-Portugiż ("substituição"), din il-kelma tirreferi għall-operazzjoni fl-intier tagħha li fi tmiemha l-oġġett mhux konformi jkun effettivament "mibdul", b'tali mod li l-bejjiegħ huwa meħtieġ iwettaq dak kollu li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan ir-riżultat, verżjonijiet lingwistiċi oħra, bħalma hija b'mod partikolari l-verżjoni bil-Ġermaniż ("Ersatzlieferung"), jistgħu jissuġġerixxu interpretazzjoni kemxejn iktar limitata. Madankollu, kif josservaw il-qrati tar-rinviju, anki f'din il-verżjoni lingwistika tal-aħħar, il-kelma inkwistjoni ma hijiex limitata għas-sempliċi kunsinna ta' oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali u tista', għall-kuntrarju, tindika l-eżistenza ta' obbligu li l-oġġett mhux konformi jinbidel bl-oġġett il-ġdid.

55 Barra minn hekk, interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) u tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva fis-sens li dawn l-artikoli, fil-każ ta' tibdil ta' oġġett mhux konformi, jimponu fuq il-bejjiegħ l-obbligu li jieħu responsabbiltà għat-tneħħija ta' dan l-oġġett mill-post fejn il-konsumatur ikun installah inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu, qabel ma jkun ħareġ fid-dieher id-difett, u għall-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, hija interpretazzjoni li tikkorrispondi mal-għan tad-Direttiva li, kif huwa indikat fil-premessa 1 tagħha, huwa li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

56 Għandu jiġi osservat, f'dan il-kuntest, li tali interpretazzjoni lanqas ma twassal għal riżultat inekwu. Fil-fatt, anki fil-każ li n-nuqqas ta' konformità tal-oġġett ma jirriżultax

minn ħtija tal-bejjiegħ, xorta jibqa' l-fatt li, billi kkunsinna oġġett mhux konformi, il-bejjiegħ ma eżegwixxiex b'mod korrett l-obbligu li daħal għalih taħt il-kuntratt ta' bejgħ u għalhekk għandu jassumi l-konsegwenzi tal-eżekuzzjoni mhux korretta ta' dan tal-aħħar. Għall-kuntrarju, il-konsumatur, min-naħa tiegħu, ikun ħallas il-prezz tal-bejgħ u jkun għalhekk eżegwixxa b'mod korrett l-obbligu kuntrattwali tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Quelle, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41). Barra minn hekk, il-fatt li l-konsumatur, li jkollu l-aspettattiva li l-oġġett ikkunsinnat kien konformi, ikun installa, *in bona fide*, l-oġġett difettuż inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu qabel ma ħareġ fid-dieher id-difett, ma jistax jikkostitwixxi ħtija li tista' tiġi allegata fil-konfront tal-imsemmi konsumatur.

57 Għaldaqstant, f'sitwazzjoni fejn ebda waħda miż-żewġ partijiet fil-kuntratt ma tkun aġixxiet b'mod li jimplika ħtija, ikun ġustifikat li l-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett mhux konformi u tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali jitqiegħdu għar-responsabbiltà tal-bejjiegħ, u dan sa fejn dawn l-ispejjeż addizzjonali, minn naħa, kienu jiġu evitati li kieku l-bejjiegħ kien eżegwixxa b'mod korrett l-obbligi kuntrattwali tiegħu mill-ewwel u, min-naħa l-oħra, ikunu saru neċessarji sabiex l-oġġett ikun jista' jitqiegħed fi stat ta' konformità.

58 Barra minn hekk, l-interessi finanzjarji tal-bejjiegħ ma humiex protetti biss bit-terminu ta' preskrizzjoni ta' sentejn previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva u bil-possibbiltà mogħtija lilu fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva li jirrifjuta li jibdel l-oġġett fil-każ li dan ir-rimedju jirriżulta sproporzjonat sa fejn jimponilu spejjeż irraġonevoli (ara s-sentenza Quelle, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42), iżda wkoll bid-dritt, imtenni fl-Artikolu 4 tad-Direttiva, li jieħu azzjoni kontra l-persuni responsabbli li jagħmlu parti mill-istess katina kuntrattwali. Il-fatt li d-Direttiva żżomm lill-bejjiegħ responsabbli, fil-konfront tal-konsumatur, għal kull nuqqas ta' konformità li jeżisti meta jiġi kkunsinnat l-oġġett (ara s-sentenza Quelle, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40) huwa għalhekk ikkumpensat bil-fatt li l-bejjiegħ jista', skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali applikabbli, ifittex lill-prodottur, lil bejjiegħ preċedenti li jkun jinsab fl-istess katina kuntrattwali jew lil kull intermedjarju ieħor.

59 Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) u tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva hija indipendenti mill-kwistjoni jekk il-bejjiegħ kienx obbligat, skont il-kuntratt ta' bejgħ, li jinstalla l-oġġett ikkunsinnat. Fil-fatt, għalkemm il-kuntratt ta' bejgħ jiddetermina, skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva, il-konformità ta' dan l-oġġett u għalhekk, b'mod partikolari, dak li jikkostitwixxi nuqqas ta' konformità, xorta jibqa' l-fatt li, fil-każ li jkun hemm tali nuqqas ta' konformità, l-obbligi tal-bejjiegħ li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni mhux korretta ta' dan il-kuntratt ma jirriżultawx biss minn dan il-kuntratt imma b'mod speċjali mir-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u, b'mod partikolari, mill-Artikolu 3 tad-Direttiva, liema regoli jimponu obbligi li l-portata tagħhom hija indipendenti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt imsemmi u li jistgħu, jekk ikun il-każ, imorru lil hinn minn dawk previsti f'dan tal-aħħar.

60 Id-drittijiet mogħtija b'dan il-mod lill-konsumaturi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva, li ma humiex intiżi li jqiegħdu lill-konsumaturi f'sitwazzjoni iktar vantaġġuża minn dik li huma setgħu jistennew taħt il-kuntratt ta' bejgħ iżda li huma intiżi sempliċement li jistabbilixxu mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet timmaterjalizza li kieku l-bejjiegħ kien ikkusinna mill-ewwel oġġett konformi, huma, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva, ta' natura vinkolanti għall-bejjiegħ. Barra minn hekk, mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva jirriżulta li l-protezzjoni prevista minn din tal-aħħar hija minima u li, għalkemm l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti, huma ma jistgħux jippreġudikaw il-garanziji previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni (ara s-sentenza Quelle, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

61 Fl-aħħar nett, fil-każ li l-bejjiegħ ma jwettaqx huwa stess it-tneħħija tal-oġġett mhux konformi u l-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina liema huma l-ispejjeż meħtieġa għat-tneħħija u għall-installazzjoni msemmija u li l-konsumatur jista' jitlob ir-rimbors tagħhom.

62 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta oġġett tal-konsum mhux konformi li, qabel ma joħroġ fid-dieher id-difett, ikun ġie installat, *in bona fide*, mill-konsumatur inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu, jitqiegħed fi stat ta' konformità permezz ta' tibdil, il-bejjiegħ huwa obbligat li jew iwettaq huwa stess it-tneħħija ta' dan l-oġġett mill-post fejn ikun ġie installat u l-installazzjoni f'dan il-post tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, jew li jbati l-ispejjeż neċessarji

marbuta ma' din it-tneħħija u ma' din l-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali. Dan l-obbligu tal-bejjiegħ jeżisti indipendentement mill-kwistjoni jekk, taħt il-kuntratt ta' bejgħ, il-bejjiegħ kienx intrabat li jinstalla l-oġġett tal-konsum akkwistat inizjalment.

*Fuq il-possibbiltà, għall-bejjiegħ, li jirrifjuta li jieħu responsabbiltà għall-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett difettuż u tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali meta dawn l-ispejjeż ikunu sproporzjonati*

63 Permezz tal-ewwel domanda fil-Kawża C-65/09, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lill-bejjiegħ milli jkun jista', skont id-dritt nazzjonali, jirrifjuta t-tibdil tal-oġġett mhux konformi għar-raġuni li dan it-tibdil jikkawżalu, minħabba l-obbligu li jneħħi dan l-oġġett mill-post fejn ikun ġie installat u li jinstalla f'dan il-post l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, spejjeż sproporzjonati meta mqabbla mal-valur li kien ikollu l-oġġett li kieku kien konformi u mal-portata tan-nuqqas ta' konformità.

64 Gebr. Weber kif ukoll il-Gvern Ġermaniż u dak Awstrijak jipproponu li tingħata risposta negattiva għal din id-domanda. F'dan is-sens, id-Direttiva ma jistax ikollha l-għan li timponi fuq il-bejjiegħ l-obbligu li jieħu responsabbiltà għal spejjeż ekonomikament irraġonevoli fil-każ li jkun jeżisti rimedju wieħed biss. Barra minn hekk, il-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu 3(3) ma tagħti ebda indikazzjoni dwar dan il-każ. Barra minn hekk, fid-dawl tal-istruttura tal-artikolu msemmi, huwa iktar u iktar f'loku li f'tali każ isir riferiment għall-kriterji stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3), li l-lista tagħhom ma hijiex eżawrjenti. Barra minn hekk, fil-każ li l-paragun mal-ispejjeż li jirriżultaw mir-rimedju alternattiv ikun ċertament impossibbli, eventwali sproporzjonalità xorta waħda tkun tista' tiġi eżaminata fid-dawl tal-kriterji l-oħra elenkati fis-subparagrafu msemmi. Barra minn hekk, fid-dawl

tal-għan ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri li l-bejjiegħ jiġi protett minn inkonvenjenti ekonomiċi irraġonevoli, din id-dispożizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni li tiżgura tali protezzjoni anki fin-nuqqas ta' rimedju alternattiv.

65 Għall-kuntrarju, il-Gvern Belġjan, dak Spanjol u dak Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni, jargumentaw favur risposta affermattiva għal din id-domanda. Huma jsostnu li mill-formulazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva jirriżulta b'mod ċar li din id-dispożizzjoni tirreferi biss għal sproporzjonalità relattiva, kif barra minn hekk tikkonferma l-premessa 11 tad-Direttiva. L-għan tad-dispożizzjoni msemmija huwa li jiġi evitat li l-konsumatur ikun jista' jabbuża d-drittijiet tiegħu billi jeżiġi mingħand il-bejjiegħ mod ta' tqegħid inkonformità partikolari meta l-mod l-ieħor ikun inqas oneruż għall-bejjiegħ u jwassal għall-istess riżultat. Issa, filwaqt li ż-żewġ modi ta' tqegħid inkonformità huma intiżi li jiggarantixxu l-istess interessi tal-konsumatur, jiġifieri l-eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali u l-possibbiltà li jkollhom oġġett konformi, il-mezzi sekondarji, jiġifieri t-tnaqqis tal-prezz jew it-tħassir tal-kuntratt, ma jippermettux li jitħarsu dawn l-istess interessi. Jekk il-bejjiegħ ikun jista' jirrifjuta l-uniku rimedju possibbli minħabba l-isproporzjonalità assoluta tiegħu, il-konsumatur ikollu biss l-imsemmija mezzi sekondarji għad-dispożizzjoni tiegħu, għall-kuntrarju tal-istruttura tal-imsemmi Artikolu 3, li jagħti prijorità liż-żamma tal-obbligi reċiproċi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' bejgħ, u għall-kuntrarju tal-għan tad-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Il-Kummissjoni żżid, madankollu, li ma huwiex eskluż li każijiet estremi, fejn l-uniku rimedju possibbli jimplika spiża ferm sproporzjonata meta mqabbla mal-interess tal-konsumatur li jingħata rimedju, jikkostitwixxu każijiet ta' impossibbiltà, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva.

66 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva, inizjalment il-konsumatur għandu d-dritt jeżiġi li l-bejjiegħ isewwi l-oġġett jew jibdlu, fiż-żewġ każijiet mingħajr ħlas, sakemm dan ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat.

67 It-tieni subparagrafu tal-istess Artikolu 3(3) jippreċiża li rimedju jiġi kkunsidrat li huwa sproporzjonat jekk jimponi fuq il-bejjiegħ spejjeż li, meta mqabbla mar-rimedju l-ieħor, ikunu irraġonevoli fid-dawl tal-valur li kien ikollu l-oġġett li kieku ma kellux nuqqas ta' konformità, tal-portata tan-nuqqas ta' konformità u tal-kwistjoni jekk ir-rimedju l-ieħor ikunx jista' jiġi implementat mingħajr inkonvenjent sinjifikattiv għall-konsumatur.

68 Għandu għalhekk jiġi kkonstatat li għalkemm l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva huwa, bħala prinċipju, ifformulat b'mod suffiċjentement wiesa' sabiex ikun jista' jkopri wkoll il-każijiet ta' sproporzjonalità assoluta, it-tieni subparagrafu tal-istess artikolu jiddefinixxi l-kelma "disproporzjonat" esklużivament fir-rigward tar-rimedju l-ieħor, u b'hekk jillimita din il-kelma għall-każijiet ta' sproporzjonalità relattiva. Barra minn hekk, mill-formulazzjoni u mill-istruttura tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva jirriżulta li dan l-artikolu jirreferi għaż-żewġ rimedji previsti inizjalment, jiġifieri t-tiswija jew it-tibdil tal-oġġett mhux konformi.

69 Dawn il-konstatazzjonijiet huma kkorroborati mill-premessa 11 tad-Direttiva, li tipprovdi li rimedju jkun sproporzjonat jekk jimponi spejjeż irraġonevoli meta mqabbel mar-rimedju l-ieħor u li, sabiex l-ispejjeż jitqiesu li huma irraġonevoli, huwa meħtieġ li dawn ikunu kunsiderevolment ogħla minn dawk tar-rimedju l-ieħor.

70 Għalkemm huwa minnu, kif isostnu Gebr. Weber u l-Gvern Ġermaniż, li ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' din il-premessa 11, b'mod partikolari dik bil-Ġermaniż, huma xi ftit ambigwi sa fejn jagħmlu riferiment għar-"rimedji l-oħra", fil-plural, xorta jibqa' l-fatt li numru kunsiderevoli ta' verżjonijiet lingwistiċi, bħalma huma dawk bl-Ingliż, bil-Franċiż, bit-Taljan, bl-Olandiż u bil-Portugiż, ma jħallu ebda dubju dwar il-fatt li fl-imsemmija premessa l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni jirreferi biss, bħal fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva, li fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha, inkluża f'dik

bil-Ġermaniż, huwa fformulat fis-singular, għar-rimedju l-ieħor previst inizjalment minn din id-dispożizzjoni, jiġifieri t-tiswija tal-oġġett mhux konformi jew it-tibdil tiegħu.

71 Għaldaqstant, jidher li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jagħti lill-bejjiegħ id-dritt li jirrifjuta t-tiswija jew it-tibdil tal-oġġett difettuż biss fil-każ ta' impossibbiltà jew fil-każ ta' sproporzjonalità relattiva. Għalhekk, fil-każ li wieħed biss minn dawn iż-żewġ rimedji jkun possibbli, il-bejjiegħ ma jistax jirrifjuta l-uniku rimedju li jippermetti t-tqegħid tal-oġġett fi stat ta' konformità mal-kuntratt.

72 Din l-għażla magħmula mil-leġiżlatur tal-Unjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva hija marbuta, kif osservaw il-Gvern Belġjan, dak Pollakk u l-Kummissjoni, mal-fatt li d-Direttiva tagħti prijorità, fl-interess taż-żewġ partijiet fil-kuntratt, lill-eżekuzzjoni ta' dan tal-aħħar, permezz taż-żewġ rimedji previsti inizjalment, fuq l-annullament tal-kuntratt jew it-tnaqqis tal-prezz tal-bejgħ. Barra minn hekk, din l-għażla hija dovuta għall-fatt li, ġeneralment, dawn iż-żewġ mezzi sussidjarji ma jippermettux li jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni tal-konsumatur bħat-tqegħid inkonformità tal-oġġett.

73 Għaldaqstant, għalkemm it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-bejjiegħ id-dritt li jirrifjuta l-uniku rimedju possibbli, minħabba l-isproporzjonalità assoluta tiegħu, dan l-artikolu xorta waħda jippermetti protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji leġittimi tal-bejjiegħ, liema protezzjoni għandha tiġi kkunsidrata, kif ikkonstatat fil-punt 58 ta' din is-sentenza, ma' dik prevista fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva.

74 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, fir-rigward b'mod partikolari tas-sitwazzjoni speċifika mqajma mill-qorti tar-rinviju, fejn it-tibdil tal-oġġett difettuż, bħala l-uniku rimedju possibbli, jimplika spejjeż sproporzjonati minħabba l-ħtieġa li jitneħħa

l-oġġett mhux konformi mill-post fejn ġie installat u li jiġi installat l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva ma jipprekludix li d-dritt tal-konsumatur għar-rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett difettuż u tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali jkun, jekk ikun neċessarju, limitat għal ammont li jkun proporzjonali għall-valur li kien ikollu l-oġġett li kieku kien konformi u għall-portata tan-nuqqas ta' konformità. Fil-fatt, tali limitazzjoni tippreżerva d-dritt tal-konsumatur li jitlob it-tibdil tal-oġġett mhux konformi.

75 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li l-imsemmi Artikolu 3 huwa intiż li jistabbilixxi bilanċ ġust bejn l-interessi tal-konsumatur u dawk tal-bejjiegħ, billi jiggarantixxi lil tal-ewwel, bħala l-parti dgħajfa fuq il-kuntratt, protezzjoni sħiħa u effikaċja kontra eżekuzzjoni mhux korretta mill-bejjiegħ tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, filwaqt li jippermetti li jiġu kkunsidrati kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika invokati mill-bejjiegħ.

76 Meta teżamina jekk hemmx lok li jitnaqqas, fil-kawża prinċipali, id-dritt tal-konsumatur għar-rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett mhux konformi u tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, il-qorti tar-rinviju għandha għalhekk tieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, il-valur li kien ikollu l-oġġett li kieku kien konformi u l-portata tan-nuqqas ta' konformità, kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-għan tad-Direttiva, jiġifieri li tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Għalhekk, il-possibbiltà li jsir tali tnaqqis ma jistax ikollha l-konsegwenza li ġġib fix-xejn, fil-prattika, is-sustanza tad-dritt tal-konsumatur għar-rimbors ta' dawn l-ispejjeż fil-każijiet fejn ikun installa, *in bona fide*, l-oġġett difettuż inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu, qabel ma ħareġ fid-dieher id-difett.

77 Fl-aħħar nett, fil-każ ta' tnaqqis tad-dritt għar-rimbors tal-imsemmija spejjeż, ikun hemm lok li l-konsumatur jingħata l-possibbiltà li jeżiġi, minflok it-tibdil tal-oġġett mhux konformi, tnaqqis adegwat tal-prezz jew it-tħassir tal-kuntratt, inkonformità mal-aħħar inċiż tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva, u dan sa fejn il-fatt li l-konsumatur

ma jkunx jista' jikseb it-tqegħid inkonformità tal-oġġett difettuż ħlief billi jbati huwa stess parti minn dawn l-ispejjeż jikkostitwixxi inkonvenjent sinjifikattiv għalih.

78 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lill-bejjiegħ id-dritt li jirrifjuta t-tibdil ta' oġġett mhux konformi, liema tibdil ikun l-uniku rimedju possibbli, għar-raġuni li dan ir-rimedju jimponilu, minħabba l-obbligu li jneħħi dan l-oġġett mill-post fejn ikun ġie installat u li jinstalla f'dan il-post l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, spejjeż sproprozjonati fid-dawl tal-valur li kien ikollu l-oġġett li kieku kien konformi u tal-portata tan-nuqqas ta' konformità. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix li d-dritt tal-konsumatur għar-rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett difettuż u tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali jkun, f'tali każ, limitat għat-teħid ta' responsabbiltà, mill-bejjiegħ, ta' ammont proporzjonat.

**Fuq l-ispejjeż**

79 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta oġġett tal-konsum mhux konformi li, qabel ma joħroġ fid-dieher id-difett, ikun ġie installat, *in bona fide*, mill-konsumatur inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu, jitqiegħed fi stat ta' konformità permezz ta' tibdil, il-bejjiegħ huwa obbligat li jew iwettaq huwa stess it-tneħħija ta' dan l-oġġett mill-post fejn ikun ġie installat u l-installazzjoni f'dan il-post tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, jew li jbati l-ispejjeż neċessarji marbuta ma' din it-tneħħija u ma' din l-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali. Dan l-obbligu tal-bejjiegħ jeżisti indipendentement mill-kwistjoni jekk, taħt il-kuntratt ta' bejgħ, il-bejjiegħ kienx intrabat li jinstalla l-oġġett tal-konsum akkwistat inizjalment.**

2) **L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 1999/44 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippreskludi li leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lill-bejjiegħ id-dritt li jirrifjuta t-tibdil ta' oġġett mhux konformi, liema tibdil ikun l-uniku rimedju possibbli, għar-raġuni li dan ir-rimedju jimponilu, minħabba l-obbligu li jneħħi dan l-oġġett mill-post fejn ikun ġie installat u li jinstalla f'dan il-post l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, spejjeż sproprozjonati fid-dawl tal-valur li kien ikollu l-oġġett li kieku kien konformi u tal-portata tan-nuqqas ta' konformità. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tippreskludix li d-dritt tal-konsumatur għar-rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett difettuż u tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali jkun, f'tali każ, limitat għat-teħid ta' responsabbiltà, mill-bejjiegħ, ta' ammont proporzjonat.**

Firem